MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2011

Avviz Numru. 406/2010

**Roman Vella (ID 0848246M)**

**Vs**

**Awtorità ghat-Trasport Malta – (Transport Malta)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat minn Roman Vella fil-15 ta' Ottubru 2010 permezz ta' liema jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara l-pretensjonijiet ta' l-Awtorità intimata bhala infondati u tehilsu mill-obbligu tal-hlas tas-somma li gie interpellat ihallas bis-sahha ta' l-ittra ufficjali bin-numru 3597/10, li tinkludi kemm l-arretrati tal-licenza u l-multa amministrattiva, fl-ammont komplessiv ta' €1,157.13, bl-ispejjez kontra l-Awtorità intimata;

Rat ir-Risposta ta' l-Awtorità intimata permezz ta' liema filwaqt li tippremetti li r-rikorrenti ghandu jipprova dak minnu allegat fir-Rikors tieghu, topponi ghat-talba tar-

rikorrenti u titlob li tigi michuda ghaliex: (i) kif ammess mill-istess rikorrenti l-Awtorità intimata ma ghandha l-ebda dokumentazzjoni fil-file relattiv li l-vettura mertu tal-kwistjoni giet skrappjata. Lanqas ma jirrizulta mir-Rikors x'gara mill-istess vettura, dwar dan il-punt ir-rikorrenti ma jsemmi xejn; (ii) l-Awtorità intimata zzomm id-dokumentazzjoni kollha koncernanti kull vettura fil-file relattiv ghal dik il-vettura u mill-file relattiv ghall-vettura in kwistjoni ma jirrizultax li kien hemm xi dokument iffirmat li l-pjanci tal-vettura gew ritornati u li l-vettura giet skrappjata. Id-difiza tar-rikorrent li ma jiftakarx jekk inghatax ricevuta jew inkella jekk inghata tali ricevuta, illum ma jafx fejn hi, ma hijiex sostenibbli; (iv) ir-rikorrenti huwa obbligat ihallas dak kollu minnu mitlub fl-ittra ufficjali mibghuta lilu;

Semghet ix-xhieda ta' Roman Vella, Sheila Vella, Joe Cordina u Richard Farrar, ilkoll moghtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Jannar 2011 u semghet ix-xhieda ta' Brian Farrugia moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' April 2011;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza da parte tad-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Ir-rikorrenti jibbaza t-talba tieghu biex it-talba ghall-hlas avvanzata kontrih mill-Awtorità intimata permezz ta' l-ittra ufficjali bin-numru 3597/10 datata 16 ta' Settembru 2010, tigi dikjarata infondata u b'hekk jigi mehlus mill-obbligu tal-hlas ta' l-arretrati tal-licenzji u tal-multa amministrattiva imposta, fuq il-premessa li fl-2002 huwa kien irritorna l-pjanci tal-vettura bin-Numru tar-Regitrsazzjoni KAF-192 lill-istess Awtorità peress illi l-vettura kienet se tigi skrappjata. Kien ghalhekk li minn dik is-sena 'l quddiem ma hallasx iktar il-licenzja tal-vettura.

L-Awtorità intimata da parte taghha tikkontendi li mill-file relattiv ghall-vettura in kwistjoni ma jirrizultax li din giet skrappjata u li l-pjanci relattivi gew ritornati lill-istess Awtorità, kif pretiz mir-rikorrenti.

Il-kwistjoni kollha f'dan il-kaz tirrivolvi madwar il-prova, jew nuqqas taghha, li l-pjanci tal-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni KAF-192 effettivament gew ritornati mir-rikorrenti lill-Awtorità intimata. Il-prova kardinali li qed tishaq fuqha l-Awtorità intimata hija l-produzzjoni ta' ricevuta mahruga mill-istess Awtorità meta allegatament gew ritornati l-pjanci in kwistjoni. Ir-rikorrenti da parte tieghu jikkontendi li anke jekk tali ricevuta inharget, ma jistax jigi pretiz li din tinzamm ghal ben tmien snin jew li tinstab wara dan iz-zmien kollu.

Bhala fatt ir-ricevuta in kwistjoni ma gietx prodotta mir-rikorrenti u jiggustifika dan il-fatt billi jghid illi *minn dak iz-zmien 'l hawn jiena kelli flooding id-dar u konna armejna hafna affarijiet. Dan il-flooding kien inqala' minhabba gyser difettuz. Meta imbaghyad ircevejt l-ittra ufficjali ppruvajt nerga' nfittex izda ma sibt assolutament xejn*[1]*.*

Huwa jikkontendi li l-produzzjoni ta' tali ricevuta ma hijiex essenzjali billi l-prova tar-ritorn tal-pjanci tohrog minn provi ohra minnu prodotti – senjatament mix-xhieda tieghu stess, ta' martu u ta' Richard Fararr – kif ukoll mill-fatt li tul dawn is-snin kollha ma nharget ebda kontravvenzjoni fuq din il-vettura, skond kif jirrizulta mix-xhieda ta' Brian Farrugia[2], u ghalhekk zgur li tul dawn it-tmien snin il-vettura in kwistjoni ma kenitx fit-triq.

Din l-ahhar pretensjoni tar-rikorrenti ma ghandhiex wisq rilevanza ghall-kaz in ezami ghaliex jekk il-vettura verament giet skrappjata kif affermat minnu – anke tramite x-xhieda ta' Joe Cordina[3] - allura zgur li ma jistghux jirrizultaw kontravvenzjonijiet fuqha, izda dan ma jfissirx u ma jippruvax li l-pjanci jkunu gew ritornati lill-Awtorità intimata – li huwa l-qofol kollu ta' dan il-kaz.

---

[1] Xhieda ta' Roman Vella moghtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Jannar 2011.
[2] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' April 2011.
[3] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Jannar 2011.

Kif già osservat ir-rikorrenti jikkontendi li l-produzzjoni ta' ricevuta ma hijiex necessarja ghall-fini li jigi ppruvat ir-ritorn tal-pjanci lill-Awtorità intimata u jigbed analogija mal-prova tal-pagament, tant illi waqt it-trattazzjoni tar-Rikors iccita s-sentenza fl-ismijiet Rosario Spiteri v. Michele Mifsud, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Ottubru 1953. Jekk tali analogija ghandha tingibed però huwa importanti li l-principju stabbilit fis-sistema guridika taghna jigi kkunsidrat fl-intier tieghu u mhux biss in parti biex tigi akkomodata l-pretensjoni avvanzata mill-parti. In effetti l-principju jipprovdi li *ghall-prova tal-pagament, kemm jekk hux ghas-saldu jew le, ma hijiex indispensabbli l-prova skritta jew il-produzzjoni ta' ricevuta.* ***Huwa bizzejjed li l-hlas jigi pruvat bi kwalunkwe mod li jikkonvinci lill-Qorti, naturalment skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz, kif emergenti mill-provi processwali***[4].

Ghalhekk, ghad li l-produzzjoni tar-ricevuta ma hijiex necessarja u determinati, il-Qorti xorta trid tkun konvinta li dak allegat jirrizulta debitament ippruvat.

Fil-kaz in ezami r-rikorrenti jittenta jipprova r-ritorn tal-pjanci tal-vettura in kwistjoni tramite x-xhieda tieghu stess, ta' martu Sheila Vella u tax-xhud Richard Farrar[5]. Ir-rikorrenti u martu entrambe jghidu li l-pjanci gew ritornati lill-Awtorità intimata, l-ewwel marret bihom mart ir-rikorrenti izda ma gewx accettati mill-Awtorità u 'l ghada mar bihom l-istess rikorrenti flimkien ma' habib tieghu – ix-xhud Richard Farrar. Dan ix-xhud ghad illi jghid li jiftakar li kien mar mar-rikorrenti biex jigu ritornati xi pjanci ta' vettura Skoda bajda, ma setghax però jiftakar in-Numru tar-Registrazzjoni tal-vettura.

Il-Qorti ma hijiex affattu konvinta li x-xhieda li taw ir-rikorrenti, martu u Richard Farrar tikkostitwixxi prova sodisfacenti ta' l-allegat ritorn tal-pjanci lill-Awtorità intimata u dana partikolarment fid-dawl ta' dak li jirrizulta

---

4 Ian Abela Fitzpatrick noe v. Web Trading Limited, Rikors Nru. 1752/01 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Novembru 2003. Enfasi tal-Qorti.
5 Xhieda moghtija minnhom ilkoll waqt is-seduta ta' l-20 ta' Jannar 2011.

mix-xhieda ta’ Brian Farrugia, rapprezentant ta’ l-Awtorità intimata, meta gie prodott bhala xhud mill-istess Awtorità[6].

Minn din ix-xhieda jirrizulta li r-ritorn tal-pjanci ta’ vettura effettivament jaghti bidu ghall-process ta’ kancellament tan-Numru ta’ Registrazzjoni abbinat mal-vettura – li jkun uniku ghal dik il-vettura – li jintemm bid-distruzzjoni ta’ l-istess pjanci. Ghalhekk ghall-Awtorità intimata r-ritorn tal-pjanci ta’ vettura ma jinvolvix biss is-semplici *handing over* ta’ l-istess pjanci da parte tas-sid. Dan il-process hu iddokumentat tul il-kors kollu tieghu u b’hekk anke jekk ghall-grazzja ta’ l-argument ma tkunx inharget favur is-sid ricevuta ghar-ritorn tal-pjanci tal-vettura – possibiltà din ukoll ventilata mir-rikorrenti – xorta wahda l-kancellament tan-Numru tar-Registrazzjoni u l-finali distruzzjoni tal-pjanci ghandu jirrizulta mir-*records* ta’ l-Awtorità intimata, haga però li f’dan il-kaz ma rrizultatx. Ma huwiex affattu kredibbli li ma jkun hemm ebda forma ta’ *record* tal-process ta’ kancellament ta’ Numru ta’ Registrazzjoni li jintemm bid-distruzzjoni ta’ pjanci ta’ vettura li, jigi ribadit, ma jinvolvix biss ir-ritorn tal-pjanci minn sid il-vettura.

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk ir-rikorrenti ma rnexxilux jipprova b’mod sodisfacenti il-kawzali fuq liema jibbaza t-talba tieghu u b’hekk ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi ghadu s-sid registratat tal-vettura bin-Numru tar-Registrazzjoni KAF-192 u b’hekk legalment responsabbli ghall-hlas ta’ licenzi u/jew arretrati fuq l-istess ai termini ta’ l-Artikoli 26 u 57 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

In fine l-Qorti taghmel referenza ghall-kwistjoni li qamet tul is-smigh tar-Rikors rigwardanti l-multa amministrattiva imposta fuq ir-rikorrenti bis-sahha ta’ l-Avviz Legali 198 ta’ l-2009 [Regolament 14(4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02]. Ir-rikorrenti jikkontendi li bl-ittra ufficjali in kwistjoni qed jigi interpellat ghall-hlas ta’ din il-multa amministrattiva filwaqt li l-Awtorità intimata tghid li bl-istess ittra r-rikorrenti qed jigi biss imwissi b’din il-multa amministrattiva.

---

[6] Xhieda moghtija minnu waqt is-seduta tas-7 ta’ April 2011.

L-ittra ufficjali bin-numru 3597/10 datata 16 ta' Settembru 2010 inharget a tenur ta' l-Artikolu 57(3) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-procedura istitwita mir-rikorrenti ukoll tirrizulta mill-istess imsemmi artikolu tal-Ligi li jipprovdi: *meta l-Awtorità taghti xi avviz bil-mezz ta' ittra ufficjali li l-imsemmija persuna tkun civilment responsabbli ghall-hlas ta' xi ammont dovut lill-Awtorità taht dan l-artikolu, l-imsemmi avviz jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet tat-Titlu VII tal-Parti I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, kemm-il darba l-persuna avzata ma tibdiex procediment fil-qorti kompetenti ta' gurisdizzjoni civili sabiex toggezzjona ghall-imsemmi avviz fi zmien tletin jum mid-data li l-imsemmi avviz ikun gie notifikat lilha.*

Huwa ferm car li dan l-artikolu ma jikkontemplax it-talba ghall-hlas tal-multa amministrattiva rizultanti mir-Regolament 14(4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02 izda biss it-talba ghall-hlas ta' licenzi dovuti u ghalhekk bl-ittra ufficjali mahruga a tenur ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi l-Awtorità intimata ma hijiex qed, u del resto lanqas tista', titlob il-hlas tal-multa amministrattiva imsemmija. Fid-dawl ta' dan u b'zieda ma' l-istess, jigi osservat li dak dispost fl-Artikolu 57 tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta rigward is-sahha ezekuttiva ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Settembru 2010, lanqas ma ghandu japplika fir-rigward tal-multa amministrattiva msemmija.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talba tar-rikorrenti. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------